MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Numru. 1410/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Stephen J.Gatt)**

**-vs-**

**Jesmond Farrugia**

Kumpilazzjoni numru 1410/2007

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Jesmond Farruiga ta’ 36 sena, bin Carmelo u Teresa Pullicino, imwieled Pieta nhar is-17 ta’ Settembru, 1971 u residenti “Tar-Rih Farmhouse”, Triq l-Irdum, Dingli u detentur ta’ karta tal- identita b’numru 507171M.

Akkuzat talli fit-13 ta' Novmebru, 2007 gewwa l-Imsida ghall habta tas-6:00pm;

Ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' P.C 1155 C.Mangion kif iccertifikat Dr.Christine Scalpello M.D tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' P.C 1155 C.Mangion, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Christian Mangion mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq il-vettura FBT 247 Rover liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin ghad-detriment ta' Christian Mangion.

Talli fl-istess lok, jum u cirkostanzi ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' P.C 1155 Christian Mangion hekk kif iccertifikat Dr.Christine Scalpello M.D tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' P.C 1155 Christian Mangion sabiex jingurjahom jew jaghmillhom hsara u dan bi skur tal-artikolu 339 (d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhiedha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 12 ta' Jannar 2009 meta l-parte civile irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli.

Rat l-atti processwali.

Rat l-artikoli 95, 96, 325(1)(b), 221, u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'l-imputat jirrigwardaw fatti li sehhew nhar it-13 ta' Novembru 2007.

Illi fil-gurnata in kwistjoni l-parte civile, Christian Mangion li huwa pulizija, ma kienx xoghol, ma kienx liebes uniformi u kien qed isuq il-vettura privata tieghu. Huwa kien qed isuq fil-*by-pass* ta' Birkirkara meta ra lill-imputat jaghmel manuvra bil-vettura tieghu li l-parte civile deherlu li kienet perikoluza. Il-parte civile lahaq lill-imputat aktar 'l quddiem fit-triq u meta waqfu biswiet xulxin il-parte civile ghadda rimarka lill-imputat fuq il-mod kif kien qed isuq. L-imputat m' accettax il-kumment li ghadda Mangion u b'hekk qam argument fis-sens li l-imputat hareg mill-vettura tieghu biex jaffronta lil Mangion li meta ra hekk hareg mill-vettura tieghu hu wkoll.

Illi dak il-hin l-imputat jidher li kien xi ftit aggressiv u gew ikkawzati xi danni fil-vettura ta' Mangion. Pero malli dan identifika lilu nnifsu bhala pulizija u ghamel moviment biex johrog it-tag li tidentifikah bhala pulizija u anke qal lill-imputat in-numru tieghu, l-attitudni ta'l-imputat inbidlet u beda jikkalma.

Illi minn ezami tal-provi prodotti u b'mod partikolari d-depozizzjoni tal-parte civile innifsu, jidher car li meta beda l-argument l-imputat ma kienx jaf li Mangion kien pulizija u li malli sar jaf li Mangion kien pulizija l-attitudni tieghu inbidlet u huwa ikkalma. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija

tal-fehma li ma gewx pruvati l-elementi necessarji ghar-reati kontemplati f'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputat ikkawza hsara fil-vettura ta'l-imputat u b'hekk hija sodisfatta li t-tielet imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Illi l-parte civile rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli, konsegwentement il-procediment fir-rigward tar-raba u l-hames imputazzjoni huwa ezawriet.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati, il-fatt li l-imputat diga ghamel tajjeb ghal hsara sofferta mill-parte leza, kif ukoll tal-fedina penali ta'l-imputat li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet li minnhom qed jigi liberat, u fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tar-raba u l-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------